

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Laboratorios Ern, SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 462, 12.12.2016.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Diċembru 2017 – CJ vs ECDC

(Kawża T-703/16 RENV) <sup>(1)</sup>

(“Servizz pubbliku — Membri tal-persunal bil-kuntratt — Kuntratt għal żmien determinat — Xoljiment antiċipat — Artikolu 47(b)(ii) tal-Kondizzjonijiet tal-impieg — Modalitajiet ta’ preavviż — Responsabbiltà — Danni morali”)

(2018/C 042/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrent: CJ (rappreżentant: V. Kolijs, avukat)

Konvenut: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) (rappreżentanti: J. Mannheim u A. Daume, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)

## Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-danni li r-rikorrent allegatament ġarrab minħabba d-deċiżjoni tad-Direttur tal-ECDC li ġiet innotifikata lilu fl-24 ta' Frar 2012 u li xxolji b'mod antiċipat il-kuntratt tiegħi bħala membru tal-persunal bil-kuntratt.

## Dispożittiv

- 1) Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) huwa kkundannat iħallas lil CJ, bħala kumpens għad-dannu morali, is-somma ta' EUR 2 000.
- 2) Il-kumplament tar-rikors fil-Kawża F-161/12 huwa miċħud.
- 3) CJ u l-ECDC għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess fil-kuntest tal-proċedura inizjali quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża F-161/12, tal-proċedura ta' appell fil-Kawża T-370/15 P u ta' din il-proċedura li tibgħat lura l-kawża.

<sup>(1)</sup> ĠU C 311, 21.9.2015.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral ta' Diċembru 2017 – Consejo Regulador “Torta del Casar” vs EUIPO – Consejo Regulador “Queso de La Serena” (QUESO Y TORTA DE LA SERENA)

(Kawża T-828/16) <sup>(1)</sup>

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea QUESO Y TORTA DE LA SERENA — Protezzjoni tad-denominazzjoni ta’ oriġini ‘Torta del Casar’ — Raġuni relativa għal rifjut — Artikolu 2(2), Artikolu 3(1), u Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 — Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001]”)

(2018/C 042/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

## Partijiet

Rikorrenti: Consejo Regulador de la Denominación de Origen “Torta del Casar” (Casar de Cáceres, Spanja) (rappreżentanti: A. Pomares Caballero u M. Pomares Caballero, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:** Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida “Queso de La Serena” (Castuera, Spanja)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Settembru 2016 (Każ R 2573/2014-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Consejo Regulador de la Denominación de Origen “Torta del Casar” u Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida “Queso de La Serena”.

### Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-26 ta' Settembru 2016 (Każ R 2573/2014-4) hija annullata.*
- 2) L-EUIPO huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk esposti mill-Consejo Regulador de la Denominación de Origen “Torta del Casar”.

<sup>(1)</sup> ĠU C 22, 23.1.2017.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Diċembru 2017 – RRTec vs EUIPO – Mobotec (RROFA)

(Kawża T-912/16) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea RROFA — Trade mark verbali preċedenti tal-Unjoni Ewropea ROFA — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001”)*

(2018/C 042/33)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: RRTec sp. z o.o. (Gliwice, il-Polonja) (rappreżentant: T. Gawrylczyk, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Ivanauskas u M. M. Baldares, aġenti)

**Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:** Mobotec AB (Göteborg, l-Isvezja) (rappreżentant: N. Köster, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-5 ta' Ottubru 2016 (Każ R 2392/2015-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Mobotec u RRTec.

### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) RRTec sp. z o.o. hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 63, 27.2.2017.